**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Mejju 2020 – Agmin Italy vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-290/18)** ([1])

***("Regolament Finanzjarju – Esklużjoni mill-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti u għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u mill-Fond Ewropew tal-Iżvilupp għal tul ta' tliet snin – Prinċipju ta' imparzjalità – Drittijiet tad-difiża – Żball ta' evalwazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Proporzjonalità")***

(2020/C 215/34)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Agmin Italy SpA (Verona, l-Italja) (rappreżentant: F. Guardascione, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac u F. Moro, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2018 dwar l-esklużjoni tar-rikorrenti matul tliet snin mill-parteċipazzjoni għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti u ta' għoti ta' sussidji, iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u mill-parteċipazzjoni għall-proċeduri ta' għoti ta' fondi min-naħa tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp (FEŻ) kif ukoll dwar il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni relatata ma' din l-esklużjoni.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Agmin Italy SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 231, 2.7.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Mejju 2020 – Peek & Cloppenburg vs EUIPO – Peek & Cloppenburg (Vogue Peek & Cloppenburg)**

**(Kawża T-443/18)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Vogue Peek & Cloppenburg – Isem kummerċjali nazzjonali preċedenti Peek & Cloppenburg – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Koeżistenza tal-isem kummerċjali nazzjonali u tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni – Ftehim ta' delimitazzjoni – Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-EUIPO – Sospensjoni tal-proċedura amministrattiva – Artikolu 70 tar-Regolament 2017/1001 – Regola 20(7)(c) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 (li sar l-Artikolu 71(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2018/625) – Żball manifest ta' evalwazzjoni")***

(2020/C 215/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Peek & Cloppenburg KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Lange, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Peek & Cloppenburg KG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Renck, M. Petersenn u C. Stöber, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2018 (Każ R 1362/2005-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Peek & Cloppenburg (Hamburg) u Peek & Cloppenburg (Düsseldorf).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Peek & Cloppenburg KG (Düsseldorf) hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 311, 3.9.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Mejju 2020 – Peek & Cloppenburg vs EUIPO – Peek & Cloppenburg (Peek & Cloppenburg)**

**(Kawża T-444/18)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità u ta' revoka – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Peek & Cloppenburg – Isem kummerċjali nazzjonali preċedenti Peek & Cloppenburg – Raġuni relattiva għal rifjut – Artikolu 8(4) u Artikolu 60(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Koeżistenza tal-isem kummerċjali nazzjonali u tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Ftehim ta' delimitazzjoni – Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-EUIPO – Sospensjoni tal-proċedura amministrattiva – Artikolu 70 tar-Regolament 2017/1001 – Regola 20(7)(c) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 (li saret l-Artikolu 71(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2018/625) – Żball manifest ta' evalwazzjoni")***

(2020/C 215/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Peek & Cloppenburg KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Lange, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Peek & Cloppenburg KG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Renck, M. Petersenn u C. Stöber, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' April 2018 (Każ R 522/2006-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità u ta' revoka bejn Peek & Cloppenburg (Hamburg) u Peek & Cloppenburg (Düsseldorf).